NEWSPAPER POST




# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Mejju - Ġunju 2001* Nru: 120



*Messaġġ mill-Arċipriet*

## GRAZZI LILKOM, BENEFATTURI TA' SAN ĠORĠ

Fit-talb tiegħi niftakar fil-benefatturi kollha tal-Parroċċa tagħna u speċjalment f'dawk li diġa' ħallew din id-dinja.

Bħalissa, il-proġett prinċipali li jeħtieġ l-appoġġ tal-benefatturi qodma u ġodda hu l-bini taċ-Ċentru Parrokkjali l-Ġdid. Hu proġett kbir ħafna u jinvolvi spejjeż kbar. Imma għakemm kbar, jiena naf li l-Parroċċa tagħna tiflaħ għalihom. Il-benefatturi qatt ma naqsu mill-Parroċċa maħbuba tagħna. Kienu ħafna dawk li taw il-kontribut tagħhom għal dan il-proġett u naf li hemm bosta aktar li għadhom ma tawx sehmhom u se jagħtuh. Uħud minn dawn diġa' wiegħdu l-għajnuna tagħhom.

Il-kampanja ta' self ta' Lm50 qed tirnexxi. It-tir tagħna hu li joħorġu almenu 500 ċedola, li jkun ifisser il-ġbir ta' Lm25,000 bejn self u donazzjonijiet. In-nofs ksirnih. L-appell tiegħi hu lilkom ilkoll li tistgħu isselfuna Lm50 biex tagħmlu dan malli tkunu tistgħu. Dawn il-flus għandna bżonnhom f'idejna biex inħallsu bihom ħalli l-ħaddiema jiġu bil-qalb u l-proġett inlestuh malajr. U naqbdu f'ieħor! Il-proġett li jmiss naqbdu fih hu r-restawr tal-bażilika minn ġewwa.

Il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Parrokkjali hu proġett pastorali li se jkun ta' fejda spiritwali għall-Insara kollha Għawdxin ta' żmienna u tal-ġejjieni. Hu proġett li għandu l-barka ta' Monsinjur Isqof, tas-saċerdoti u ta' dawk li huma nvoluti fl-appostolat, u ta' kull min għandu viżjoni pastorali li hi fiduċjuża, kreattiva u kuraġġjuża.

Minħabba l-bosta impenji pastorali li għandna, minħabba l-pjan pastorali li rridu nwettqu bla telf ta' żmien, hu importanti li dan il-proġett inlestuh malajr kemm jista' jkun. Qed jiswielna ħafna enerġija, taħbit il-moħħ, ħin, spejjeż u risorsi umani. Il-problemi ma jonqsux. Imma lanqas jonqos it-talb u l-għajnuna t'Alla. Hu proġett li nemmnu fih mhux għall-valur tiegħu fih innifsu imma għall-valur tiegħu bħala strument u struttura għall-ħidma ta' l-evanġelizazzjoni, l-apostolat, il-liturġija u l-ħajja spiritwali.

Għalhekk, nitlobkom, agħtu sehmkom. Skond ma tistgħu. Sagrifiċċju finanzjarju għal opra qaddisa m'hu qatt mitluf. San Ġorġ, li bħalma kien fuq l-art għadu qaddej ta' Kristu fis-Sema, żgur li jberikhom u jgħinna lkoll bl-interċessjoni mimlija mħabba tiegħu.

Hu veru li ħafna mix-xogħol li nagħmlu nagħmluh ispirati mill-imħabba tagħna lejn San Ġorġ. Iżda din l-ispirazzjoni għandha l-għeruq tagħha fl-imħabba tagħna lejn Ġesù li għandu bżonna u jrid jinqeda bina biex tikber u tissaħħaħ is-Saltna qaddisa tiegħu fostna.

Inwiegħed mill-ġdid lilkom ilkoll, benefatturi maħbubin ta' San Ġorġ, it-talb tiegħi u tal-Kommunita' Parrokkjali kollha ta' kuljum, għalikom u għall-familji tagħkom

*Mons. Ġużeppi Farrugia*

## ZEWĠ PELLEGRINAĠĠI GĦAS-SAJF LI ĠEJ

**1. ITALJA mit-23 sal-31 ta' Lulju 2001**

Inzuru: Ruma, S. Giovanni Rotondo (Padre Pio), Monte Gargano, Cassia

**2. LOURDES mis-6 sal-11 ta' Awissu 2001**

Inzuru wkoll Val D'Aran, Pont D'Espagne u Postijiet Oħra

***Tagħrif u Booking għand Mons Salv Borg***

**AĦSBU KMIENI – BAQA' BISS FTIT POSTIJIET**

IL-BELT VICTORIA
Rivista ta' kull Xahrejn



*Uffiċċju Editorjali:* **Centru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

08.04.01: EMER-PIO, iben Raymond Cutajar u Pauline nee' Xerri
15.04.01: GABRIEL, iben John Grima u Maria nee' Grech
20.04.01: ROMUALDO, iben Mario Attard u M'Dolores nee' Grech
21.04.01: LUKAS, iben George Farrugia u Benardette nee' Axiaq
23.04.01: KURT, iben George Fenech u Barbara nee' Xuereb
28.04.01: JOSHUA, iben Joseph Spiteri u Josphine nee' Spiteri
23.05.01: KYLEE, bint Nicholas Kaye u Georgina Stella neè Xuereb

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

21.04.01: Benneth Chima Njoku u Antonella Formosa
22.04.01: Christopher Busuttil u Mary Grace Apap
28.04.01: Michael Axiak u Rosanne Pace
13.05.01: Dr. Jotienne Abela u Veronica Mifsud

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

13.04.01: Michael Sacco
15.04.01: Franceso Saverio Portelli
18.04.01: Maria Debattista
22.04.01: Vincenza Said
01.05.01: Francesca Debono
01.05.01: Guzeppi Vella
21.05.01: Ġorġ Farrugia

### Donazzjonijiet b'risq ir-Rivsta

| | |
|---|---|
| Mr & Mrs Carmel Galea: | US$ 35 |
| Mr. John Borg: | Can$20 |

### Frak biex taħseb dwaru

*Wieħed li jgħid*

*"Ma nistax";* ifisser li qata' qalbu.
*"Ma nafx";* ifisser li hu beżżiegħi.
"Ma nafx kif"; ifisser li hu għażżien.
*"Forsi nista'";* ifisser li qed iqum fuq saqajh.
*"Nipprova";* iffiser li ġa qiegħed fuq saqajh.
*"Nista'";* ifisser miexi fit-triq.
*'Għamilt";* ifisser li llum mexxej.

# Editorjal ...

# BEATI

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju 2001 il-Papa kien fostna għat-tieni darba matul il-pontifikat tiegħu, imma f'din il-waqfa tiegħu fostna ħallielna tliet ġawhriet li għandhom idawwlu l-mixja tagħna lejn is-sema, pajjiżna. Ħallielna ir-rigal ta' tliet beati maltin.

Iż-żjara tal-Papa għaddiet. Il-manifestazzjoni kbira u impressjonanti ta' fuq il-Fosos tal-Furjana għadha f'moħħ kulħadd. Il-merħba li l-poplu ta' lill-Papa' kienet kbira. L-imħabba li wrejna lejn is-suċċessur ta' Pietru fil-gżira ta' Pawlu kienet tidher. Iżda jeħtieġ li ma nieqfux hawn.

Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Maria Adeota Pisani għandha nibdew nqimuhom u nistudjaw ħajjithom bir-reqqa biex nibdew aħna wkoll nitgħallmu mill-eżempju tagħhom.

Nieħdu bħala eżempju l-ħajja ta' Dun Ġorġ u x-xogħol li huwa wettaq fis-soċjetà tagħna. Dun Ġorġ ħallielna monument ħaj li ta' kuljum kien u qed ikompli jservi ta' ġid kbir fil-komunitajiet ta' kull belt u raħal tal-gżejjer Maltin. Dun Ġorġ mill-bidu nett tat-twaqqif tas-soċjetà tal-MUSEUM ra l-ħtieġa tat-tagħlim, mhux għat-tfal biss imma wkoll għall-kbar.

Ftit ġranet ilu numru sabieħ ta' żgħażagħ irċevew fil-Parroċċa tagħna l-Griżma ta' l-Isqof. Sakemm waslu s'hawn kienu jiffrekwentaw xi għaqda, fosthom il-MUSEUM. Kemm minnhom ser jibqgħu jattendu laqgħat ta' tagħlim f'xi għaqda reliġjuża? Kemm minnhom ser jibqagħlhom il-ħeġġa biex ikomplu jsaħħu t-tagħlim nisrani u jkunu jafu iktar kemm hi kbira l-fidi tagħna.

Hemm bżonn, u bżonn urġenti, li nkomplu nitgħallmu. Jekk dawn iż-żgħażagħ ser jieqfu hawn, kif għamlu ħafna qabilhom, mhux ser ikunu kapaċi jaffrontaw l-isfidi tal-ħajja tas-seklu wieħed u għoxrin. Hemm bżonn li anke l-ġenituri jkomplu jħeġġuhom biex ikomplu jiffrekwentaw xi għada reliġjuża, mqar darba fil-ġimgħa. Dun Ġorġ Preca uriena matul ħajtu u bl-għaqda li waqqaf, li t-tagħlim hu meħtieġ dejjem, f'kull ħin u matul ħajjitna kollha.



**TFAL BNIET LI RĊEVEW L-EWWEL TQARBINA NHAR L-ERBGHA 16 TA' MEJU 2001**

AGUIS Ilaria, ATTARD Rebecca, ATTARD Rebekah Marie, AZZOPARDI Chantell, BEZZINA Katya, BORG Loredana, BUHAGIAR Johanna, BUTTIGIEG Daniela, CALLEJA Jantes, CAMILLERI Maria Chiara, CARUANA Melissa, CASHA Maria, FENECH Roberta, FORMOSA Tresha, GALEA Rebecca, LUPI SPENCER Graziella, MERCIECA Denise, MIZZI Katya, MIZZI Roberta, MUSCAT Janette, PORTELLI Rachel, SAID Debbie, SCICLUNA Bianca, SULTANA Abigail Ann, TABONE Georgine, THEUMA Simone, VELLA Maureen, VELLA Samantha, VELLA Yana, ZAMMIT Roberta.

**TFAL SUBIEN LI RĊEVEW L-EWWEL TQARBINA NHAR L-ERBGHA 16 TA' MEJU 2001**

ATTARD Andrew, AZZOPARDI Franklin Paul, BAJADA Jason, BORG Andrew, BORG John, BORG Matthew, BRIGNIOLI Angelo, CASSAR Marlon, CASSAR Ray George, FARRUGIA Kevin, FORMOSA Nicholas, GALEA William, Genuis Keith, GRECH oseph Louis, GRECH Nicholas, GRIMA Dimitris, GRIMA Paul, MERCIECA Darren, PORTELLI Andrew, PORTELLI Gorgi, SAID Luke, SPITERI Michael Charles, SPITERI Vince, SULTANA Paul Anthony, VELLA Garrett, VELLA Keith, XUEREB Alan, ZAMMIT Johann.





**BNIET LI RCEVEW IL-GRIIMA TA' L-ISQOF NHAR IL-HAMIS 17 TA' MEJU 2001**

APAP Joanna, ATTARD Maria, ATTARD Larissa, ATTARD Stephanie, AZZOPARDI Maronia, AZZOPARDI Stephanie, BORG Anethea Christine, BORG Antonella, BORG Anna Maria, BUGEJA Charlene, CARUANA Ylenia, CORDINA Judith Nicola, FALZON Lianna, FARRUGIA Elena, FARRUGIA Georganete, FENECH Joanna, FENECH Maria, FORMOSA Claire Marie, GALEA Katya, GRECH Alessandra, GRECH Judith Louise, HABER Claudia, MERCIECA Angie, MERCIECA Charmaine, MERCIECA Lorika, MERCIECA Sarah Anne, MIFSUD Josephine, PACE Cynthia, PARNIS Monica Maria, PAVIA Katrin Mari, PORTELLI Maria, PORTELLI Roberta, VELLA Lara, VELLA Nicole, XUEREB Janica, XUEREB Melissa, ZAMMIT Melanie.

**SUBIEN LI RCEVEW IL-GRIIMA TA' L-ISQOF NHAR IL-HAMIS 17 ta' MEJU 2001**

AGUIS Thomas, ATTARD Frank, AZZOPARDI Remy, BORG David, BORG James L., BORG Christian J., BUTTIGIEG Joseph, CAMILLERI Andrew, CARUANA Steve, CASSAR Clayton, CASSAR George, FARRUGIA Edward, GATT Clint, GAUCI Glen, GRECH Mark, LIVORI Anthony, MERCIECA Christopher, PORTELLI Joel, SACCO Joseph, SCICLUNA George, SCICLUNA Samuel, SPITERI Matthew Joe, SPITERI Warren, TABONE Christopher, TABONE Joseph, TABONE Rodrick, VASSALLO Stephen, ZAMMIT Andrew, ZAMMIT Nathaniel.



# L-EWWEL TLIET BEATI MALTIN

***Fit-8 u fid-9 ta' Mejju 2001 il-gżejjer tagħna għexu mumenti sbieħ ta' fidi għax fostna għat-tieni darba matul il-pontifikat tiegħu kellna lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Iżda matul din it-tieni żjara tiegħu fraħna mhux biss bil-preżenza tiegħu fostna, imma fraħna bil-bosta iktar wkoll li waqt quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana l-Papa ddikkjara Beati lil tliet Maltin ħutna. Tliet Beati li b'ħajjithom għandhom inkunu ta' eżempju għalina biex b'kull mezz nibqgħu ngħożżu l-fidi li ġabilna l-Appostlu Missierna San Pawl***



## Dun Ġorġ Preca

Dun Ġorġ twielet fil-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880 u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Porto Salvo fis-17 ta' Frar. Fl-1888 il-familja Preca marru joqgħodu l-Ħamrun u fil-Knisa Parrokkjali ta' San Gejtanu rċieva l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot fit 22 ta' Diċembru 1906 u għamel l-ewwel quddiesa solenni nhar il-Milied ta' l-istess sena.

Kien propju ben l-1905 u l-1906 li Dun Ġorġ kien iltaqa' ma grupp ta' żgħażagħ mill-Ħamrun, fosthom Eugenio Borg, li kellu jkun 'l quddiem l-ewwel Superjur Ġenerali tal-MUSEUM.Nhar it-2 ta' Frar 1907 dan il-grupp iltaqa' ma' Dun Ġorġ fil-Knisa ta' Nuzzo, il-Ħamrun u nhar is-7 ta' Marzu iltaqgħu għall-ewwel darba f'post ċkejken li kienu krew. Dawn Iż-zewġ dati jimmarkaw it-twaqqif tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija.

Għall-bidu Dun Ġorġ sejjaħ l-għaqda tiegħu 'Xirka ta' Ulied il-Papa'. Intant il-pst fejn kienu jiltaqgħu nghata l-laqam ta' 'mużew' u biż-żmien il-laqam tal-post sar l-isem ta' l-għaqda.

Dun Ġorġ impona fuq il-membri tiegħu l-vot jew wegħda tal-manswetudni li biha ntrabtu li jaħfru mill-qalb lil min ikasbarhom.Dun Ġorġ ħadem kemm felaħ biex ixerred it-tagħlim ta' l-Evanġelu fil-gżejjer Maltin u kiteb għadd kbir ta' kotba. Huwa stinka ħafna biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-misteru t' l-Inkarnazzoni. Huwa ried li s-soċi ilbsu badge bil-kliem 'Verbun Dei caro factum est'. Mill-1921 ħa ħsieb li f'kull belt u raħal, lejlet il-Milied, itiġl organiżżata 'Dismostrazzjoni ad unur ta' Ġesù Bambin', użanza li daħlet sew fost id-drawwiet sbieħ tal-Milied.

Illum s-soċjetà tal-MUSEUM hija mxerrda fl-Awstralja, l-Ingilterra, fl-Albanija, fis-Sudan, fil-Kenja u fil-Peru.

Dun Ġorġ miet f'Santa Venera nhar il-Ħamis fil-għaxija 26 ta' Lulu 1962. Fil-Knisja Maltija l-festa ta' dan il-Beatu ser tiġi ċelebrata fid-9 ta' Mejju.



## Nazju Falzon

Nazju Falzon twieled fil-Belt Valletta fl-1 ta' Lulju 1813 u l-għada ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjakli ta' Santa Maria tal-Portu Salvu.

Sa minn meta kien għadu tifel beda juri sinali ta' qdisija. Kienu jsejħulu s-*santarello*, jiġifieri l-qaddis ċkejken. Fl-età ta' 15-il sena, irċieva l-abitu klerikali u aktar tard ħa l-erba' Ordnijiet minuri. Meta kellu għxrin sena kiseb il-lawrjra fil-Liġl Kanonika u ~ivili mill-Universita' ta' Malta, iżda qatt ma eżerċita l-professoni ta' avukat u lanqas irċieva l-Ordni Sagri.

Nazju Falzon kien bniedem mogħti għat-talb. Kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija. L-adorazzjoni u l-meditazzjoni kienu l-ikel spiritwali tiegħu. Nazu kellu devozzjoni kbira lejn San Ġużepp.

Il-missjoni tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu. Nazju beda jgħallem it-tfal ta' l-istitut tar-Ragħaj it-Tajjeb, l-ewwel fil-Knisja ta' Santa Barbara u aktar tard fil-Knisja tal-Vitorja. Lil dawn it-tfal barra t-tagħlim tar-reliġjon kien jgħinhom fl-iskola u jekk ikun hemm bżonn finanzjarjament ukoll.

Iżda hu jibqa' magħruf l-iktar għall-missjoni kateketika tiegħu mas-suldati u l-baħrin Ingliżi. Beda bil-laqgħat ta' talb u bit-tagħlim tal-katekiżmu għall-kattoliċi fid-dar tiegħu. Meta n-numru ta' dawk li attendu skorra l-mija beda jlaqqagħhom fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.

Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li Nazju Falzon kien minn ta' quddiem fit-tixrid ta' l-ispirtu ekumeniku. Barra nminn hekk kien iwettaq din l-opra bil-għajnuna u l-koperazzoni tal-lajċi. Uħud mill-kollaboraturi tiegħu saru saċerdoti, kappillani militari jew tan-navy.

Miet nhar l-1 ta' Lulu 1865 fl-età ta' 52 sena u fil-Knisja ta' Malta l-festa ta' dan il-Beatu ser tkun ċelebrata nhar l-1 ta' Lulju.

# Maria Adeodata Pisani



Marija Adeodata Pisani tieldet f'Napli fid-29 ta' Diċembru1806, u ngħatat l-isem ta' Marija Tereża. Missierha kellu l-vizzu tax-xorb u mhux kollox deher ward u żahar ben l-omm u l-missier tant li dawn kellhom jisseparaw meta hi kienet għdha tarbija. Minħabba f'hekk spiċċat titrabba minn nannintha.

Ta' 19-il sena hi ġiet Malta għal kollox ma' ommha u marru joqogħdu r-Rabat. Ommha ppruvt Iżżewwiġha, iżda Maria Tereża qatt ma riedet. Kienet xebba miġbura ġewwa darha u kienet toħroġ biss biex tmur il-Knisja.

Marija Tereża kienet issib il-għaxqa tagħha titlob fil-Knisa ta' San Mark li l-Agostinjani għandhom fir-Rabat. Kien propju f'din il-knisja quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, li ħasset is-sejħa li tidħol soru.

Marija Tereża daħlet fil-monasteru klawstrali ta' San Pietru fl-Imdina nhar il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulu 1828 meta kella 22 sena.

Fil-monasteru sabet ħaja ta' talb, xogħol, silenzu u ubbidjenza. Hawn ingħatat l-isem ta' Marija Adeodata. Hija dejjem qdiet id-doveri tagħha bl-akbar reqqa u dejjem uriet rispett u uddibjenza lejn is-superjuri tagħha. Fit-8 ta' Marzu 1830 hi għamlet il-Prefessjoni reliġjuża.

Fiż-żmien li għamlet fil-kunvent hija ngħatat diversi karigi fosthom dik ta' Badessa. F'din l-ogħla kariga f'monasteru hi seħħet ir-riforma dwar il-ħajja komunitarja b'aktar osservanza lejn ir-regoli monastiċi, pass li ma ngħoġobx missoriiet kollha. Kienet osservanti ħafna, anke fid-dmiriiet l-iżed ċkejkin.

Adeodata mietet minħabba mard tl-qalb fil-25 ta' Frar 1855, fl-età ta' 48 sena. Hia ndifnet fil-kripta tal-monasteru stess u n-nies mill-ewwel żammewha bħal qaddisa.

Fil-knisja ta' Malta il-festa tagħha ser tkun ċelebrata nhar il-25 ta' Frar.



# L-EWWEL TLIETA

Dun Ġorġ Preca, Adeodata
U ma' dawn Nazju Falzon,
Huma l-ewwel tliet Beati
Li Malta tant għandha bżonn

Sabiex tkompli miexja sewwa
Fuq il-passi ta' San Pawl
Illi fuq xtutna kien tfarrak
Biex ta' Kristu ġab id-dawl.

Dak id-dawl għad għandna bżonnu
Biex nibqgħu fit-triq tas-sewwa
Sabiex fostna jsaltnu l-paċi
U l-imħabba ta' l-għedewwa.

Igur illi dat-tliet Beati
Għandhom ħafna xi jgħallmuna;
Mill-istorja ta' ħajjithom
Xi lezzjoni dawn jagħtuna.

Dun Ġorġ Preca kien il-bniedem
Illi waqqaf Soċjetà;
It-tagħlim kien l-iskop tagħha-
Nisa, rġiel ta' kull età.

Ma' kull riħ tferrxu l-membri
Ta' Dun Ġorġ il-Fundatur,
U tagħlimu llum wasal
Ma' kull rokna l'inti ddur.

Swor Marija Adeodata
Għaddiet iemha fil-kunvent
Siekta, titlob, u sogħbiena
Daqs li kieku penitent.

Għexet dejjem b'mod erojku
Virtujiet teologali
Illi bihom Alla għaniha-
Mhumiex dawn l-isbaħ rigali!

U mhux b'inqas Falzon Nazju
Mexa fit-triq tal-qdusija;
Lilu Alla pprema, żejen,
Ma ħallihx fost il-minsija!

Għaliex kien b'intervent tiegħu
Li fost niesna seħħ fejqan:
Raġel fieq minn tumur kiefer
Malta w Għawdex afu b'dan.

Tliet Beati f'Malta tagħna
Lilna lkoll dawn jagħmlu ġieh;
Nimitaw issa aħna lilhom
U ngħożżuhom wisq, qatigħ.

Tassew għandna għax nifirħu
U biex nagħmlu il-kuraġġ
Għax fis-sema issa għandna
Min jaqtalna il-passaġġ.

U jħejjilna triq, mogħdija
Li twassalna lejn il-Ġenna
Fejn id-dwejjaq jisparixxu
U kull qalb tistrieħ, tithenna.

Sakemm iżda għadna hawn isfel
Ejew lilhom dlonk nitolbu
Biex għżiritna lilha jbierku
U l-grazzji fuqna jroxxu.

Grazzi Mulej: ridt iżżejjen
Lil pajjiżna b'dal-Beati:
Lil dal-poplu Paċi w Għaqda
Nixtequk li tkompli tagħti.

Kav. Joe M. Attard

# Rokna għat-Tfal



Kif intom għeżież tfal!

Nittama li tinsabu tajbin. Naħseb li intom tal-Year 6 issa ħlistu minn 'balla fuq l-istonku', kif inħobbu ngħidu bil-Malti, għax issa lestejtu l-eżamijiet tal-Junior Lyceum. Nittama li mortu tajjeb. Jiddependi kemm ħdimtu u stinkajtu matul is-sena skolastika li bil-mod il-mod riesqa lejn tmiemha. Il-qawl jgħid: li tiżra' taħsad. Nistennew u naraw. Nawguralkom li tiksbu riżultat sabiħ kif żgur lkoll tixtiequ.

Issa tibda s-sħana u għalhekk kull ħeġġa għall-istudju tibda tmajna, iżda sewwa li ma ċċedux l-rmi qabel iż-żmien, għaliex ħafna minnkom għad iridu għall-eżamiiet ta' l-aħħar tas-sena. Barra minn hekk, qatt m'għandkom tinqatgħu għal kollox mill-kotba għax huma dawn li jifthulkom triqat wiesa' u ġodda biex tkomplu tikbru u tiżviluppaw.

Intant irrid nifraħ lil ħafna minnkom li għadkom kemm irċevejtu l-Ewwel Tqarbina u oħrajn l-Griżma ta' l-Isqof. Dawn huma żewġ sagramenti mportanti ħafna fil-ħajja tan-Nisrani. Għożżuhom u ibżgħu għalihom. It-tqarbina li issa sa tibdew tagħmlu, araw li tkun tqarbina tajba, ta' spiss, u jekk ista' kun kuljum. Ġesù ieħu gost jiġi għammar fis-sider tagħna. Tinsewx li l-ġisem tan-nisrani huwa Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Hekk irid ibqa' tul ħajitna kollha, u jekk xi darba, diżgrazzjatament ittebba' b'xi ħtija, inkunu pronti niġru għal ħdan il-konfessur biex nistqarru ħtiietna u nirċievu l-maħfra ta' dnubietna.

Qed noqorbu wkoll lejn l-istaġun tal-festi fil-gżira tagħna. Fl-aħħar ħadd ta' Mejju kollna l-ewwel festa, dik ta' San Pawl fil-Munxar u mbagħad ibdew jitgerrbu waħda wara l-oħra, sakemm tasal it-tielet ġimgħa ta' Lulu, eh! Dak in-nhar addio kotba u studju. Dak in-nhar niddevertu fil-festa tagħna; nieħdu gost u nitpaxxew fil-knisja u naqbżu u niddevertu f'dak kollu li jsir fit-toroq u l-imsieraħ tagħna.

Jibda wkoll żmien il-baħar u għawma kultant tagħmel tajjeb ukoll għall-ġisem. Nibdew bin-nofs ta' nhari u allura wieħed ikollu iktar żmien fiex jedha. L-importanti li taħarbu x-xemx ta' bejn nofs in-nhar u t-tlieta għax din ma tagħmel ġid lil ħadd.

Ma nixtieqx intawwal, Iżda ftit 'tips' kultant jagħmlu tajeb. Sa ma nerġgħu niltaqgħu fil-ħarġa speċjali tal-festa, insellmilkom u nawguralkom kull paċi u ġid, u suċċess fil-ħajja tagħkom.

***Ciao.***

*Iz-Zijju Peppi*

U issa ngħaddu għall-

## KOMPETIZZJONI

li tista' tirebbaħkom ktieb sabiħ ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin, Fergħa ta' Għawdex (Tel: 551325).

Sa nsemmilkom sitt statwi titulari u għiduli f'liema raħal issirilhom il-festa matul is-sajf u agħmluhom wara xulxin:

- ❑ San Lawrenz
- ❑ Il-Madonna tas-Sokkors
- ❑ Il-Bambina
- ❑ Iż-Ijara tal-Madonna lil Santa Elizabetta
- ❑ Kristru Salvatur
- ❑ San Pawl

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-**Editur, Il-BELT VICTORIA, Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria** sa nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 2001

# Il-Kan Dun Nikol Vella Apap Imfakkar f'Rivista Taljana

*Nella foto a destra: Recentemente è deceduto un grande amico del Santuario, Dom Nicola Vella di Gozo (Malta), nella foto con le reliquie del Santo durante la processione di apertura del Perdono nel 1992.*



Ir-Rivista ta' kull xahar 'San Nicola da Tolentino' fakkret lil Kan Dun Nikol Vella Apap b'ritratt tiegħu qed iġorr ir-Relikwija ta' San Nikola fl-1992. Fil-kliem li hemm mar-ritratt intqal li Dun Nikol kien ħabib kbir tas-Santwarju ta' San Nikola ta' Tolentino, Agostinjan.

# IL-QALB

Jiena naħseb li waħda mill-iżjed kelmiet użati fil-lingwa tagħna hija l-kelma 'QALB'. Nitkellmu dwarha u kważi ndaħħluha f'kollox. Illum ser naghtukom diversi ghamliet ta' qalb, ilkoll kemm huma jgħinu sabiex permezz ta' dawn il-qlub nersqu dejjem Iżjed lejn Alla.

Imbierka l-Qalb li tagħmel il-wisa' fiha nfisha għall-bnedmin kollha u li kapaċi ssib ġewwa fiha rokna ħielsa għal dak li jasal ġdid, bħalma hija l-Qalb ta' Ġesù.

Imbierka l-Qalb li qatt ma tasal issejjaħ barrani lil ħadd, anqas lil min hu differenti għal kollox minnha, iżda tgħix il-laqgħa tagħha miegħu bħala ħaġa fundamentali, għax hija l-Vanġelu.

Imbierka l-Qalb li tgħix il-kompassjoni bħala qawwa tar-ritmu tagħha, u li ma tila tiltaqa' ma' l-ebda barrani qrib tagħha: hija tkun ta' għajnuna għall-ħolqien ġdid.

Imbierka l-Qalb li mhix mimlija biha nnfisha, li ma tiftaharx, li ma tonqos qatt mir-rispett, li ma tfittx l-interessi taghha, li ma tirrabjax, li ma tibqax tiftakar f'min ikun weġġagħha, li ma tieħux gost b-inġustizzji: din il-qalb tkun tissejjaħ qaddisa, għaliex filwaqt li titlef lilha nnfisha hija ssib lilha nfisha mill-ġdid.

Imbierka l-Qalb li tieħu gost bil-verita', bil-ġustizzja u bis-safa': hija tkun mera ta' Alla u belt fuq muntanja.

Imbierka l-Qalb ħelwa u umli, għaliex tkun inkarnazzjoni ġdida tal-qalb ta' Kristu.

Imbierka l-Qalb li twieġeb bl-imħabba, li tgħatti kollox, temmen kollox, tittama f'kollox, li tissaporti kollox: hija ma tgħejja qatt u l-frott tagħha ta' komunjoni u komunita' jibqgħu għal dejjem.

Imbierka l-Qalb li tħabbat fil-ġisem shiħ tal-Knisja u tas-Soċjetà: hija għad tara frott mill-aqwa.

Imbierka l-Qalb li tħalli lilha nnfisha tiġi kompromessa mit-tbatija u mill-inġustizzja li minnhom ikunu għaddejjin bnedmin oħrajn u li tkun dejjem lesta sabiex toffri solidarjetà, kenn u tama: b'hekk hija twettaq l-unita' u l-għaqda fost l-aħwa.

Imbierka l-Qalb li ma tagħrafx il-lewn tal-ġilda u d-differenza fil-lingwi, iżda biss il-lingwaġġ ta' l-għajnejn, tat-tbissima, tal-wiċċ u tad-dawl ta' Alla: hija tkun dik li tagħti l-ħajja mill-ġdid lit-tama.

Imbierka l-Qalb li tgħix l-attenzjoni u l-heġġa ta' l-oħrajn, il-ġenerożita', l-awtentiċita' tal-ħajja, ir-responsabilita' tleqq u leali, u preżenza ta' ħidma: hija tkun bennejja tas-Saltna ta' Alla. ♥

ISMA' LEĦEN IL-PARROĊĊA FUQ LEĦEN IL-BELT VICTORIA FM Stereo 104

# L-Għeżeż Ħabib

Tridu tkunu tafu min hu għalija l-aqwa ħabib? Ħalli ngħidilkom.

L-għeżeż ħabib tiegħi ma tantx għandu flus: sempliċi mastrudaxxa. Mhux mimli bih innifsu, iżda huwa l-iktar bniedem umli li naf. Fuq kollox, dejjem insibu meta jkolli bżonn u ngawdi ħafna mill-imħabba tiegħu. Jibqa' jisma' il-problemi tiegħI u jgħinni nsolvihom u nirbaħhom. Dejjem miegħhI meta nħossni mweġġa' u għalhekk naqbeż ħafna għalih.

Għax, kif ngħidilkom jien u nf x'qed ngħid, ma tantx hu popolari. Jagħmel ħafna għalija u għal niex oħra, iżda dawn għajnejhom magħluqin u ma jintebħux.

Il-ħbiberija tagħna hija qawwija u naf li qatt m'hu ser jitlaqni. Qal li jmut għalija u jien nżomm fuq kelmtu għax qatt ma jigdeb jew jerġa' lura minnha. U se ngħid lilek biss! Jiena lest li mmut għalih.

Ħobbni iktar minn ħaddieħor u jista' jkun ħabibek ukoll!

Hi skużani għax ma għidtlekx min hu, forsi ndunajt ukoll!

Hu Ġesù : Ġesù Kristu.

Sejjaħlu. Jieħu pjaċir.

Hu dejjem hemm biex jisimgħek.

## ĦSIBIJIET QOSRA

- Ara tistax tixtri misluta għall-widna tal-kikkra.
- Ara tistax tirkeb fuq ħmar il-lejl.
- Ara tistax tixrob il-kafe' mill-iskutella ta' rasek.
- Ara tistax tidlek bl-ingwent il-ponta ta' ilsienek.
- Ara tistax iddendel inkwadru b'musmar tal-qronfol,
- Ara tistax tixtri medalja għall-kelb il-baħar.
- Ara tistax tieħu l-biċċerija ħanżir l-art.
- Ara tistax tixtri manku għall-pala ta' idek.
- Ara tistax tonxor il-ħwejjeġ mal-ħabel ta' l-arloġġ.
- Ara tistax tħit b'ħajta deni.
- Ara tistax twaddab il-ħamiem fil-qafas ta' sidrek.

# IL-MADAMA BUTTERFLY
## fit-Teatru Astra

Nhar is-Sibt 28 ta' April fit-Teatru Astra ġiet imtella' b'suċċess waħda mill-favoriti l-kbar tad-dilettanti ta' l-opra, *Madama Butterfly*, kapolavur ta' Giacomo Puccini. Għal din is-serata operistika attendew fost persuni distinti oħra, l-President tar-Repubblika l-Eċċellenza tiegħu il-Prof. Guido de Marco flimkien mas-Sinjura tiegħu u l-Prim Ministru l-Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami flimkien mas-Sinjura tiegħu.

Wieħed jista' jgħid li f'ebda opra oħra tiegħu Puccini ma jerħi mingħajr riedni l-vina lirika tiegħu daqskemm fil-*Madame Butterfly*. L-udjenza numeruża li mliet s-sala spazjuża u akustikament perfetta tat-Teatru ta' l-Opra setgħet titpaxxa bis-sbuħija tal-mużika li ssaħħar u tmelles il-widna u li tesprimi fl-aqwa tiegħu il-ġenju ta' Puccini li mix-xejn kien kapaċi joħloq fraseggi mużikali ta' ġmiel kbir. Naturalment biex Puccini jitkanta kif għandu jitkanta jeħtieġu artisti li jipposjedu vuċi sabiħa u li għandha uniformita' ta' timbru fir-reġistru kollu u li huma kapaċi jesprimu tenerezza kbira. Jekk dawn il-kwalitajiet ma jirriżultawx allura ż-żgur li l-opra ma tirnexxix. Fil-każ ta' l-artisti li żejnu l-palk tat-teatru Astra bl-eleganza ta' l-istatura xenika tagħhom u bil-ġmiel ta' leħinhom, ċertament li dawn il-kwalitajiet Puccinjani spikkaw u għenu mhux ftit sabiex din l-opra żżomm sa' l-aħħar l-attenzjoni sħiħa ta' l-udjenza.

Ta' min isemmi li t-tieni att waħdu jgħodd siegħa mużika. Din mhix ċajta meta wieħed jiftakar li l-kor ma jidhirx fuq il-palk u l-mużika tistrieħ kollha kemm hi prattikament fuq tlieta mis-solisti: Sharpless (Niko Isako), Cio-cio-san (Sonia Marinova) u Suzuki (Ivanka Ninova), ħlief għal xi interventi qosra mill-kantanti sekondarji u mill-kor li jkanta minn wara x-xeni. Mhix l-ewwel darba li f'teatri oħra n-nies telqu 'l barra għaliex l-livell mixtieq ma ntlaħaqx. Fil-każ ta' l-Astra mhux talli ħadd ma tħarrek, iżda talli l-applaws tremend ta' l-udjenza, li bilkemm riedet titlaq mis-sala hekk kif spiċċat l-opra, kien xhieda mill-aktar elokwenti ta' l-involviment ta' l-istess udjenza fl-andament ta' l-opra, li matul l-aħħar att hi emozzjonali ħafna.



Sehem ewlieni flimkien mal-kantanti fis-suċċess miksub kellha l-orkestra *Accademia Musicale Siciliana* li taħt id-direzzjoni maġistrali tal-Prof. Joseph Vella jidhrilna li kienet l-aqwa orkestra li qatt kellna x-xorti li nisimgħu fit-Teatru Astra. Din l-orkestra mhux sempliċiment magħmula minn mużiċisti li jdoqqu u daqshekk, iżda minn veri artisti li jifhmu mal-ewwel l-istil tal-mużika Puccinjana. Stajna ninnotaw d-dinamika wiesa' tal-kuluri mużikali li irnexxielha toħroġ din l-orkestra li kienu indispensabbli sabiex seta' jintlaħaq il-livell ta' eċċellenza li ntlaħaq f'kull att. Ma nistgħux, pero', ma nsemmux l-aħħar att li kien stupend għad-drammatiċita' tiegħu, tant li kulħadd inħasad li spiċċat l-opra daqskemm kienet sabiħa l-mużika u daqskemm kienet effettiva l-orkestra flimkien mal-grazzja kbira li biha kantaw Cio-cio-san, li minkejja t-tradiment baqgħet is-sinjura fl-espressjoni tad-dwejjaq li beda jfawwar mill-qiegħ ta' qalbha muġugħa, u Pinkerton (Konstantin Jankov) u Sharpless fid-dwett ta' sbuħija rara. Huwa ferm xieraq u misthoqq kliem ta' kumplimenti lill-*management* tat-Teatru Astra li irnexxielu jakkwista s-servizzi ta' orkestra professjonali ta' dan il-kalibru.

Ta' min jgħid li f'din l-opra, bħal f'opri oħra tiegħu, Puccini ma tantx joħloq kuntrasti permezz tal-kor. Infatti l-kor f'din l-opra huwa nvolut darbtejn. Dak li għidna għas-solisti jgħodd ukoll għall-kor bħala unita' waħda. F'dan ir-rigward l-interventi tal-kor kienu eżemplari għas-sbuħija skwiżita tal-vuċijiet femminili li kexkxu lil kulħadd bil-ħlewwa tal-kisra vokali speċjalment fil-ftuħ ta' l-opra meta magħhom ingħaqdet Cio- cio-san, kif ukoll bl-interventi puntwali, deċiżi u impenjati kemm fl-awgurju lill-miżżewġin friski (Cio-cio-san u Pinkerton) kif ukoll fis-saħta mitluba fuqkom minn Bonzo u xejn inqas fil-famuż *coro a bocca chiusa* li fis-sempliċita' awstera tiegħu jaħbi diffikultajiet kbar li l-kor staġjunat tat-Teatru Astra, li hu magħruf minn kulħadd bħala l-iprem kor ta' l-opra fi gżiritna, taħt it-tmexxija ta' Dr Maria Frendo, mhux biss għeleb iżda ibbrilla fih.



Innotajna wkoll l-essenzjalita' tas-*set* li ġie ddisinjat mill-artist Għawdxi John Grima. Kien *set* li ntlaqa' tajjeb ħafna għas-sens ta' proporzjon u għall-effettivita' li ntlaħqet permezz tal-logħob tad-dwal, esegwit b'mod stupend minn Ivan Galea u George Zammit. Dan is-*set* fl-opinjoni tagħna kompla seddaq ir-reputazzjoni tat-Teatru Astra bħala pijunier fil-qasam operistiku f'pajjiżna. Il-kostumi, iddisinjati minn Manwel Grima u George Farrugia, komplew tajjeb ħafna mas-*set* u ħoloq kuntrast ta' kuluri li laqtu l-għajn mingħajr ma telfu xejn mix-xena. L-organizzazzjoni tal-palk għal darba oħra kienet f'idejn Carmel Zammit u t-*team* tiegħu li ħadmu b'mod għal kollox professjonali sabiex setgħet toħroġ l-kompattezza u l-kumpletezza ta' l-opra. Il-Prof. Joe Friggieri, id-direttur artistiku, wera' l-għarfien tiegħu tas-sengħa tal-palk u tal-qari fil-fond tal-karattri f'opra li mhix faċli għaliex hija kważi nieqsa għal kollox minn xeni brijużi jew movimentati li minnhom infushom jagħtu ħajja lill-opra.

Nota ta' tifħir tixraq ukoll lill-karattri sekondarji Joseph Aquilina (Goro), Jan Overby Mortensen (Bonzo), Joe Fenech (Imperial Commisioner), Kenneth Scicluna (Prince Jamadori), Dorienne Portelli (Cousin), Evelyn Grech (Kate Pinkerton) li taw sehemhom għas-suċċess ta' l-opra.

B'entużjażmu kbir nħarsu 'l quddiem għall-aħħar ġimgħa ta' Novembru meta għall-ewwel darba f'Għawdex se tittella' ġimgħa operistika-kulturtali *Mediterranea* li matulha ħa jiġi onorat kif jixraqlu Giuseppe Verdi bl-eżekuzzjoni ta' l-opra *Un Ballo in Maschera* u l-famużi *Te Deum* u l-*Missa da Requiem*. ■

A&M Printing Ltd. - Qala - 553217